# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Diċembru 2021 — Ħarġa Nru 17

**Kumitat 2020**

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Leonard Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

## EDITORJAL

*Għeżież Membri u Ħbieb,*

Wasalna fl-aħħar xahar tas-sena. Nisperaw li kulħadd jinsab tajjeb u b'saħħtu , kemm intom personali kif ukoll il-familjari tagħkom.

Dan ix-xahar il-Kumitat ħaseb sabiex nagħmlu attività oħra, din id-darba fil-lokalità tan-Naxxar. Hawnhekk ser inżuru tliett kappelli li jinsabu mhux il-bogħod minn xulxin, għalhekk se mmorru bil-pass. Is-sur Paul Catania, storiku lokali, u tant ieħor nazzjonali, se jmexxina matul dawn iż-żjarat u jagħtina l-informazzjoni dwar l-istorja tal-kappelli.

Qabel ma nibdew, bħas-soltu nieħdu daqsxejn tè jew kaffe, u dawk iż-żewġ pastizzi. Billi din l-okkazzjoni taħbat fix-xahar tal-Milied, ikollna ukoll xi ħaġa żejda mal-pastizzi.

Mela narawkom.

N. Gingell

*Għal Kumitat*

## AVVIŻ

**Attività għal dan ix-xahar :-**

**Data** : il - Ħadd 12 ta' Diċembru

**Post** : Naxxar. Inżuru 3 kappelli:- tal-Vitorja, ta' Sta Luċija, u ta' San Ġwann.

Imexxina l-istoriku magħruf, is-sur Paul Catania.

**Ħin** : 9.00—9.30 reġistrazzjoni ħdejn iż-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.



IL-KUMITAT JAWGURA IL-MILIED ĦIENI U QADDIS LILL - MEMBRI, FAMILJARI U ĦBIEB TAL-GĦAQDA

*It-Twelid ta' Ġesu Bambin - Giuseppe Cali*

# KAPPELLA TAL-BON PASTUR, BALZAN



Is-sorijiet tal-Bon Pastur huma magħrufa għall-ħidma tagħhom fost dawk fil-bżonn. Ġew Malta fl-1858 meta kienet għadha ħajja l-fundatriċi tagħhom Santa Maria Euphrasia Pelletier (1796 – 1868).

Għall-ewwel huma fetħu skola ġo Ħal Lija imma fl-1868 huma marru Ħal Balzan. Hemmhekk ma żammewx l-iskola imma bdew il-ħidma tagħhom fost nisa vitmi ta' vjolenza.

F'dik is-sena wkoll, Patri Frangiskan Giuseppe de Palagona OFM għamel l-ezerċizzi spiritwali lis-sorijiet u sar jaf li kienu riedu jakkwistaw biċċa art biex fuqha jibnu kunvent u istitut tagħhom. Il-patri irsista sabiex isibilhom din l-art. Irnexxielu jakkwista biċċa art sabiħa u kbira li kienet tibda minn fejn hawn il-bini llum u tasal sa mal-ħajt tal-ġnien ta' Villa Madama b'ċens perpetwu. Fuqha bnew l-kunvent u l-knisja tagħhom. Il-perit Vincenzo Busuttil għamel il-pjanta tal-knisja. Ix-xogħol tal-bini kien fdat f'idejn Piju Ebejer u l-ewwel ġebla tbierket mill-Isqof Pietru Pace fl-10 ta'Marzu 1898.

Benefattur ieħor ta' dawn is-sorijiet kien Alfons Maria Galea. Inċidentalment hu miet fil-kunvent tagħhom fejn kien rifjuġat f'Ġunju 1940 fl-età ta' 80 sena.

Il-pjanta ta' din il-knisja hi forma ta' salib. F'nofs is-salib kien hemm artal li kellu żewġ mensi, waħda tħares lejn il-kor fejn kienu joqgħodu s-sorijiet u l-oħra tħares lejn il-korsija fejn kien joqgħod il-pubbliku. Fil-ġenb wieħed tal-artal kien merfugħ sabiex joqgħodu xbejbiet li kienu jsibu kenn għand is-sorijiet minħabba ċirkusanzi li kellhom f'ħajjiethom u fil-ġenb l-ieħor kien merrfugħ għat-tfal li kienu jkunu rikoverati għand is-sorijiet jew għax kienu ltiema jew ma kellhomx min jieħu ħsiebhom. Ġie li kien hemm żmien meta fl-istess ħin kien ikun hemm mal-200 persuna – bejn nisa, tfajliet u tfal – li kienu jkunu jgħixu fl-istitut.

Mar-riforma liturġika ta' wara l-Konċilju Vatikan II l-artal sarulu xi tibdiliet billi tneħħew il-prima u s-sekonda u issa għandu biss mejda waħda ċatta b'tabernaklu li jinfetaħ minn żewġ naħat. Mill-erba kantunieri tal-prespiterju jitilgħu l-kolonni li fuqhom tistrieħ il-koppla li taħtha hemm l-artal. Mad-dawra tagħha kollha din il-knisja għandha ddur gallarija.

L-Isqof P Pace bierek din il-knisja fis-7 ta' Frar 1901 li ġiet iddedikata lill-Qalb ta' Ġesù li tiegħu hemm statwa kbira tiddomina l-knisja. Fl-antik il-festa tal-Qalb ta' Ġesù kienet tkun iċċelbrata bil-kbir. Fit-8 ta' Marzu 1953 l-Arċisqof Mikiel Gonzi ikkonsagraha.

Sa xi żmien ilu fil-knisja kien hemm żewġ altari oħra, imma tneħħew biex ikun hawn aktar wisa' fil-knisja. Altar minnhom kien iddedikat lis-Sagra Familja – li t-titular tiegħu kien sar minn Giuseppe Calì fl-1907; filwaqt li l-altar l-ieħor kien iddedikat lil Santa Marija Madalena qed tixxotta b'xuxitha riġlejn Gesù, - li t-titular tiegħu kien sar minn Lazzaro Pisani fl-1907 ukoll, liema xogħlijiet għadhom jistgħu jidgawdew sallum fil-knisja.

F'din il-knisja insibu wkoll il-korp imqaddes ta' San Theofilo, li kienu ġabu magħhom is-sroijiet minn Żmirna, hemm ukoll tliet statwi: il-Madonna bil-Bambin f'idejha, id-Duluri u Sant'Antnin ta' Padova.

**Din l-informazzjoni ġbartha minn ktieb żgħir li kien ġie stampat fl-okkazjoni tal-konsagrazzjoni tal-knisja li silfituli soru anzjana – u ta' dan nirringrazzjha.*

***Kitba: Michael J Debono***



L-Artal ewlieni



Familja Mqaddsa — Guzeppi Cali



Madalena f'riġlejn Ġesu –
Lazzaro Pisani



Il-Beatu Injazju Falzon

Il-Koppla minn taħt



Kwadri oħra, fost oħrajn li jinsabu fil-knisja:-

Isfel xellug:- *Sant'Anna maċ-ċkejkna Madonna*

Isfel fin-nofs: *Madonna tal-Karmnu*

Isfel lemin: *Marija Madalena*







Ritratti: N Gingell

## KAPPELLI NDIKATI FIL MAPPA TA’ MALTA FL-AFFRESKI FIL—PALAZZ RESIDENZJALI

Fil-ħarġa nru 8 ta’ Diċembru 2020, kien ġie ppubblikat artiklu miktub mis-sur Anthony M. Brincat dwar il-kappelli li huma ndikati fil-Mappa ta' Malta fl-Affreski tas-Sala tal-Gran Kunsill fil-Palazz tal-Gran Mastru .

F’din ħarġa issa qed nipproduċu dawn il-kappelli kif narawhom llum, għalkemm l-aħħar erbà ma jeżistux aktar.

1. ***La Maddalena.***—Santa Marija Maddalena, fuq l-irdum ta’ Ħad-Dingli



2. ***SM. de Lalia***—Il-Lunzjata tal-Għolja, Siġġiewi



3 ***S. M. D. La Mellecha -*** Santwarju Nazzjonali, Mellieħa



4 ***S. M. Tal Pud —*** Sant' Anna tal-Pwales, Xemxija, limiti ta’ San Pawl il-Baħar.



5 ***S. Martino*** - Il-kappella f'San Martin, biswit iż-Żebbiegħ



6 ***S Paolo*** - San Pawl tal-Ħġejjeġ, f’ San Pawl il-Baħar



7 ***La Madalena*** - fil-Madliena, limiti ta' Ibraġ



8 ***S. P. P. Remito***. (*San Paulo Primo Eremito*) - f'Wied il-Għasel limiti tal-Mosta.



9. ***S.M. D Cala*** - Santa Marija tal-Ħlas, limiti Ħal Qormi



10 ***La Nuciata -*** Il-Lunziata f'Wied Liemu, Rabat.



11 ***S. Nicola*** - San Nikola taż-Żonqor, Wied il-Għajn / Żabbar



12. ***S. Giorgio*** - San Ġorġ, fil-bajja tal-Qajjenza, f' Birżebbuġa



13. **S. Gioane -** San Ġwann t'Għuxa, Bormla.



14. ***S Caterina -*** Santa Katerina, il-parroċċa l-qadima taż-Żejtun magħrufa wkoll bħala ta' San Girgor.



15. ***S. Lucia.*** Il-kappella ta' Santa Luċija li hemm barra Ħal Għaxaq.



*Ritratti: AM Brincat, N Gingell, M Debono*

16 *San Nicola* - kappella troglodita ta' San Nikola li kienet fil-għar li hemm fi Ġnien Ingraw taħt il-Mellieħa



17 *S. M. Loreto* - il-Gudja, qrib ir-runway tal-ajruport



18 *S. Giorgio* - m'għadhiex teżisti. Kienet fil-bajja ta' San Ġorġ (ħdejn Paceville). Baqa' biss l-isem tal-bajja ta' San Ġorġ

19 *S. Pietro.* - m'għadhiex teżisti. Kienet mibnija fix-Xgħajra

20 *S. Leonardo* - m'għadhiex teżisti. Kienet ħdejn Ħal Tarxien, fil-limiti ta' Buleben.

21 *S. Tomaso* - m'għadhiex teżisti. Kienet fl-inħawi tal-Bajja ta' San Tumas, Wied il-Għajn.
*Hawn taħt jidhru, fuq ix-xellug il-mafkar fit-triq li tieħdok għaż-Żejtun li tindika fejn kienet il-kappella, u fuq il-lemin it-titular ta' San Tumas li llum qiegħed fil-mużew tal-Parroċċa taż-Żejtun*



